PARLAMENT EWROPEW 2009 - 2014

*Kumitat għall-Affarijiet Barranin*
*Kumitat għall-Iżvilupp*
*Sottokumitat għad-Drittijiet tal-Bniedem*

28.9.2010

# AVVIŻ LILL-MEMBRI

**Suġġett: IL-PREMJU SAKHAROV GĦAL-LIBERTÀ TAL-ĦSIEB 2010**

Annessa, il-Membri jistgħu jsibu l-lista tal-kandidati skont l-ordni alfabetiku, kif ukoll il-ġustifikazzjonijiet u l-bijografiji li rċieva s-Segretarjat, għall-Premju Sakharov għal-Libertà tal-Ħsieb 2010, li ġew innominati skont l-Istatut tal-Premju Sakharov minn mill-inqas 40 Membru tal-Parlament Ewropew jew minn grupp politiku.

ID-DIRETTORAT ĠENERALI

GĦALL-POLITIKA ESTERNA

# IL-PREMJU SAKHAROV GĦAL-LIBERTÀ TAL-ĦSIEB 2010

**Il-kandidati proposti mill-gruppi politiċi u minn membri individwali skont l-ordni alfabetiku**

| Kandidat | Attività | Innominat minn |
|---|---|---|
| ACCESS | Moviment taċ-ċittadini li jgħin lid-difensuri tad-drittijiet tal-bniedem jipproteġu lilhom infushom u l-komunikazzjoni onlajn tagħhom. Jipprovdi wkoll għajnuna teknoloġika biex ikun hemm aċċess għall-informazzjoni minkejja ċ-ċensura minn reġimi repressivi. | Innominat mill-Grupp tal-Alleanza tal-Liberali u d-Demokratiċi għall-Ewropa |
| Is-Sur Haytham AL-MALEH | Avukat u attivista prominenti Sirjan tad-drittijiet tal-bniedem li ġie kkundannat għal tliet snin ħabs fl-4 ta' Lulju 2010. Il-missjonijiet ta' monitoraġġ tal-proċessi organizzati minn organizzazzjonijiet internazzjonali tas-soċjetà ċivili rrappurtaw b'mod ċar li l-proċess ta' Al-Maleh ma kienx jissodisfa l-istandards internazzjonali ta' proċess ġust. | Innominat minn Heidi Hautala u 44 persuna oħra |
| BREAKING THE SILENCE | Organizzazzjoni Mhux Governattiva (NGO) Iżraeljana mwaqqfa minn suldati u veterani tal-Forzi tad-Difiża Iżraeljani (IDF) li jiġbru u jagħtu testimonjanzi dwar is-servizz militari tagħhom fix-Xatt tal-Punent, fil-Medda ta' Gaża u fil-Lvant ta' Ġerusalemm matul it-Tieni Intifada u li taw l-opportunità lill-persunal u lir-riservisti Iżraeljani fis-servizz u barra mis-servizz biex jiddeskrivu b'mod kunfidenzjali l-esperjenza tagħhom fit-territorji okkupati mill-Iżrael. | Innominata mill-Grupp tal-Ħodor /l-Alleanza Ħielsa Ewropea<br>u<br>Nnominata mill-Grupp Konfederali tax-Xellug Magħqud Ewropew – ix-Xellug Aħdar Nordiku |
| Is-Sur Guillermo FARIÑAS | Psikologu Kuban, ġurnalista indipendenti u dissident politiku f'Kuba. Mas-snin, huwa għamel 23 strajk tal-ġuħ biex jipprotesta kontra diversi elementi tar-reġim Kuban. Huwa ddikjara li lest imut fil-ġlieda kontra ċ-ċensura f'Kuba. | Innominat mill-Grupp tal-Partit Popolari Ewropew (Demokristjani)<br>u<br>Nnominat mill-Grupp tal-Konservattivi u r-Riformisti Ewropej<br>u<br>Nnominat minn Edvard Kožušník u 91 persuna oħra |

| | | |
|---|---|---|
| **Is-Sra Aminetu HAIDAR** | Persuna li tiddefendi d-drittijiet tal-bniedem u attivista politika Saħrawi. Hija attivista ewlenija għall-indipendenza tas-Saħara tal-Punent. Xi drabi tissejjaħ il-"Gandhi Saħrawi" għall-protesti mhux vjolenti tagħha, inklużi l-istrajks tal-ġuħ, bħala appoġġ għall-indipendenza tas-Saħara tal-Punent. | Innominata minn Norbert Neuser, Willy Meyer, Raül Romeva i Rueda u 40 persuna oħra |
| **Is-Sur Dawit ISAAK** | Ġurnalista Eritrew, kittieb, drammaturgu u priġunier politiku mill-2001. Huwa qed jinżamm il-ħabs taħt kundizzjonijiet ħorox ħafna. Għal diversi drabi l-Parlament Ewropew talab li jinħeles minnufih. | Innominat minn Olle Schmidt, Cecilia Wikström, Marit Paulsen u Lena Ek u 37 persuna oħra |
| **Is-Sra Birtukan MIDEKSA** | Politikanta Etjopjana u eks imħallef. Hija l-mexxejja tal-partit tal-oppożizzjoni "Unità għad-Demokrazija u l-Ġustizzja" (UDJ). Fit-28 ta' Diċembru 2008, Birtukan reġgħet ġiet arrestata u impriġunata biex tiskonta sentenza ta' għomor il-ħabs. Hija ammettiet apertament li kienet qiegħda tkompli l-"ġlieda paċifika" tagħha "favur iktar demokrazija, rispett għad-drittijiet tal-bniedem u l-istat tad-dritt" fl-Etjopja. | Innominata mill-Grupp tal-Alleanza Progressiva tas-Soċjalisti u d-Demokratiċi fil-Parlament Ewropew |
| **Dun Thadeus, NGUYÊN VAN LY** | Qassis Vjetnamit u attivista ewlieni tad-drittijiet tal-bniedem li juża biss il-ġlieda mhux vjolenti bħala mezz biex jilqa' l-għan tiegħu tal-promozzjoni universali tad-drittijiet tal-bniedem. | Innominat mill-Grupp tal-Konservattivi u r-Riformisti Ewropej |
| **OPEN DOORS** | Missjoni Nisranija mhux denominazzjonali li tappoġġja lill-Insara ppersegwitati, li huma l-minoranza reliġjuża li l-iktar tbati mill-persekuzzjoni. Attwalment l-organizzazzjoni hija attiva f'iktar minn 45 pajjiż b'firxa kbira ta' attivitajiet. | Innominata mill-Grupp tal-Konservattivi u r-Riformisti Ewropej |

**Innominat mill-Grupp tal-Alleanza tal-Liberali u d-Demokratiċi għall-Ewropa**

L-aċċess għall-internet malajr qed isir waħda mill-iktar kwistjonijiet kruċjali tad-drittijiet tal-bniedem tal-lum il-ġurnata – kemm bħala dritt li emerġenti minnu nnifsu u kemm bħala l-mezz biex wieħed igawdi ħafna drittijiet oħra. *Access* huwa moviment taċ-ċittadini li jgħin lid-difensuri tad-drittijiet tal-bniedem jipproteġu lilhom infushom u l-komunikazzjoni onlajn tagħhom. Jipprovdi wkoll għajnuna teknoloġika biex ikun hemm aċċess għall-informazzjoni minkejja ċ-ċensura minn reġimi repressivi.

Imwaqqaf b'riżultat tal-azzjonijiet repressivi ħafna ta' wara l-elezzjoni Iranjana tal-2009, *Access* ipprovda appoġġ tekniku kritiku li għen biex l-internet jibqa' miftuħ għall-moviment tad-demokrazija Iranjana. Billi miljuni ta' nies ikkuntestaw ir-riżultati tal-elezzjoni, netwerk onlajn ta' attivisti diġitali beda sensiela ta' interventi biex Facebook, Twitter, bloggs indipendenti u klijenti tal-posta elettronika jibqgħu aċċessibbli u ma jkunux issorveljati. Dan in-netwerk ta' attivisti diġitali madwar id-dinja minn dakinhar ingħaqad u sar *Access*. Permezz tal-ħidma tiegħu, *Access* għen biex jiġu rilaxxati eluf ta' vidjows ta' protesta u rekords ta' abbużi tad-drittijiet tal-bniedem (li ntwerew iktar minn 5 miljun darba); għen mijiet ta' eluf ta' difensuri tad-drittijiet tal-bniedem u ta' ċittadini ordinarji biex jevitaw il-*firewall* u jidħlu b'mod sikur f'websajts vitali imblukkati; u ppermetta li l-organizzazzjonijiet ibbażati fuq id-drittijiet jibqgħu onlajn bi sfida għall-attakk kontinwu tar-reġimi u tal-*hackers* tagħhom. *Access* jaħdem biex jiżgura l-aċċess globali u miftuħ għall-internet u l-protezzjoni u l-promozzjoni tad-drittijiet tal-bniedem.

http://www.accessnow.org/

**Innominat minn Heidi Hautala u 44 persuna oħra**

# Haytham Al-Maleh, avukat Sirjan tad-Drittijiet tal-Bniedem Għall-Premju Sakharov 2010

Sena wara l-adozzjoni ta' riżoluzzjoni dwar il-każ ta' Muhammad Al-Hassani, avukat Sirjan li ġie arrestat arbitrarjament u nżamm iżolat, il-Parlament Ewropew adotta, fid-9 ta' Settembru 2010, riżoluzzjoni dwar is-sitwazzjoni tad-drittijiet tal-bniedem fis-Sirja b'attenzjoni speċjali għall-każ ta' Haytham Al-Maleh, avukat tad-drittijiet tal-bniedem li għandu 80 sena.

Haytham Al-Maleh ġie arrestat arbitrarjament minn uffiċjali tas-Servizz tal-Intelliġenza Ġenerali fl-14 ta' Ottubru 2009, inżamm iżolat sakemm ġie interrogat mill-Prosekutur Militari fl-20 ta' Ottubru 2009 u ġie pproċessat quddiem it-Tieni Qorti Militari ta' Damasku minkejja l-fatt li l-qrati militari m'għandhomx il-kompetenza biex jipproċessaw lill-popolazzjoni ċivili. L-arrest tiegħu seħħ fiż-żmien propost mill-Istati Membri tal-UE għall-iffirmar tal-Ftehima ta' Assoċjazzjoni mas-Sirja, ftehima li parti essenzjali tagħha hija r-rispett għad-drittijiet tal-bniedem.

Fl-4 ta' Lulju 2010, Haytham Al-Maleh ġie kkundannat għal tliet snin ħabs talli "ttrasferixxa aħbarijiet foloz u esaġerati li jdgħajfu s-sentiment nazzjonali", skont l-Artikoli 285 u 286 tal-Kodiċi Kriminali Sirjan. L-akkużi jirriżultaw mill-intervisti tas-Sur Al-Maleh mal-midja li fihom ikkritika l-użu kontinwu tal-liġijiet ta' emerġenza fis-Sirja u l-kontroll permanenti tas-sistema ġudizzjarja mill-awtoritajiet Sirjani. Il-missjonijiet ta' monitoraġġ tal-proċessi organizzati minn organizzazzjonijiet internazzjonali tas-soċjetà ċivili rrappurtaw b'mod ċar li l-proċess ta' Al-Maleh ma kienx jissodisfa l-istandards internazzjonali ta' proċess ġust.

Saħħet is-Sur Al-Maleh marret tassew għall-agħar matul is-sajf. Huwa jbati mill-artrite, mid-dijabete u minn problemi tat-tirojde u qed jiġi mċaħħad minn kull aċċess regolari għall-mediċini.

Il-kundanna ta' Haytham Al-Maleh, li huwa meqjus bħala avukat prominenti tad-drittijiet tal-bniedem fis-Sirja, tindika l-persekuzzjoni kontinwa tal-avukati u tad-difensuri tad-drittijiet tal-bniedem. Isservi wkoll ta' twissija qawwija lill-avukati li jippromwovu l-istat tad-dritt u li kuljum jikkuntestaw ir-restrizzjonijiet imposti mill-istat ta' emerġenza li ilu fis-seħħ mill-1963.

L-iffirmar tal-Ftehima ta' Assoċjazzjoni bejn l-UE u s-Sirja ġiet posposta fuq talba tal-parti Sirjana. Minn Ottubru 2009, il-Kummissjoni ngħatat il-mandat mill-Kunsill li tiċċara s-sitwazzjoni u ssib mezz biex tiġi ffirmata din il-ftehima. Fir-riżoluzzjoni tiegħu ta' Settembru 2010, il-Parlament enfasizza s-sitwazzjoni tad-drittijiet tal-bniedem li qed tmur għall-agħar, inkluża r-repressjoni sistematika tal-avukati u d-difensuri tad-drittijiet tal-bniedem fis-Sirja, u talab mekkaniżmu ċar biex jinbdew diskussjonijiet bejn il-kontroparti Sirjana u dik Ewropea dwar it-titjib speċifiku fir-rigward tad-drittijiet tal-bniedem u d-demokrazija li l-UE tistenna mill-awtoritajiet Sirjani.

L-għoti tal-Premju Sakharov 2010 lis-Sur Al-Maleh jista' jitqies bħala appoġġ kbir lil dawk

kollha li jiddefendu d-drittijiet tal-bniedem u li jippromwovu r-riformi demokratiċi fis-Sirja u jista' jibgħat sinjal sinifikanti lill-UE li għandha tiżgura l-koerenza u l-effikaċja tal-azzjoni esterna tagħha f'termini tar-rispett u l-promozzjoni tad-drittijiet tal-bniedem.

**Innominata minn Rebecca Harms u Daniel Cohn-Bendit f'isem il-Grupp tal-Ħodor/l-Alleanza Ħielsa Ewropea**

# *Breaking the Silence*

  

**X'inhi u x'tagħmel**

*Breaking the Silence* hija NGO Iżraeljana mwaqqfa fl-2004 minn suldati u veterani tal-armata Iżraeljana li jiġbru u jagħtu testimonjanzi dwar is-servizz militari tagħhom fix-Xatt tal-Punent, fil-Medda ta' Gaża u fil-Lvant ta' Ġerusalemm matul it-Tieni Intifada.

F'soċjetà li għandha tendenza tinjora l-inġustizzja u l-oppressjoni li ġġib magħha l-okkupazzjoni, il-ħidma ta' *Breaking the Silence* hija ta' importanza kruċjali. *Breaking the Silence* tenfasizza kif is-soċjetà Iżraeljana "tkompli tagħlaq għajnejha u tiċħad dak li jseħħ f'isimha". *Breaking the Silence* hija ddedikata biex tesponi lill-pubbliku Iżraeljan għar-realtajiet tal-okkupazzjoni Iżraeljana kif tidher mil-lenti tas-suldati Iżraeljani u biex tqanqal dibattitu dwar l-impatt tal-okkupazzjoni fit-tul kemm fuq il-popolazzjoni Palestinjana u kemm fuq is-soċjetà Iżraeljana.

Mill-2004, *Breaking the Silence* ġabret testimonjanzi minn iktar minn 650 suldat li taw servizz fit-territorji sa mill-bidu tat-Tieni Intifada. *Breaking the Silence* torganizza wkoll mawriet għall-irħula tal-Għolja ta' Ħebron tan-Nofsinhar għaż-żgħażagħ Iżraeljani, studenti, politikanti, ġurnalisti, diplomati barranin u l-pubbliku ġenerali biex tipprovdi esperjenza diretta u tassew unika tas-sitwazzjoni terribbli fir-reġjun.

L-organizzazzjoni hija mħassba ħafna dwar il-kredibilità tal-istejjer li tippubblika. Għal kull storja, hija titlob żewġ xhieda li raw b'għajnejhom dak li seħħ, twettaq investigazzjoni billi titkellem ma' suldati oħra, tirrekordja konverżazzjonijiet u tivverifika mal-B'Tselem u ma' organizzazzjonijiet oħra. Hemm ħafna stejjer li mhumiex qed isiru disponibbli għall-pubbliku minħabba li m'hemmx biżżejjed verifika.

**Theddidiet u sfidi għall-ħidma ta' *Breaking the Silence***

Filwaqt li l-ħidma ta' *Breaking the Silence* għandha ħafna persuni li jappoġġjawha fl-Iżrael u barra, hemm ukoll ħafna persuni li ma jappoġġjawx il-ħidma tagħha u li kulma jmur iktar u iktar qed jużaw mezzi ta' theddid biex jippruvaw jagħlqu l-organizzazzjoni u jżommuha milli

topera. Dawn jinkludu l-arrest ta' membri ta' *Breaking the Silence*, attakki u l-prevenzjoni militari tal-mawriet organizzati minn *Breaking the Silence*, il-malafama pubblika u tentattivi biex jinqatgħu l-fondi.

***Detenzjoni u Arresti:*** Il-membri ta' *Breaking the Silence* sikwit jiġu detenuti mill-pulizija Iżraeljana fl-insedjament ta' Kiryat Araba qrib Ħebron. Hemm diversi raġunijiet li jingħataw għad-detenzjoni, li jvarjaw mit-tfixkil tal-paċi u l-biża' ta' attakki minn persuni li jgħixu fl-insedjamenti għal ilmenti foloz li jagħmlu dawn tal-aħħar. L-ebda wieħed minn dawn l-ilmenti ma ġie ppruvat bħala veru u qatt ma tressqet l-ebda akkuża kontra *Breaking the Silence*[1].

***Attakki minn persuni li jgħixu fl-insedjamenti u prevenzjoni militari tal-mawriet:*** Il-mawriet organizzati għal Ħebron kemm-il darba jiġu attakkati minn persuni li jgħixu f'Ħebron, u dawn l-attakki dejjem qed isiru iktar u iktar vjolenti. Minkejja l-għexieren ta' lmenti lill-pulizija Iżraeljana, ftit li xejn sar rigward dawn l-attakki. Minflok, il-Forzi tad-Difiża Iżraeljani kemm-il darba ma ppermettewx li jsiru l-mawriet biex jipprevienu l-vjolenza mill-persuni li jgħixu fl-insedjamenti. Agħar minn hekk, il-kmandanti militari ddikjaraw pubblikament fil-midja li l-membri tal-organizzazzjonijiet tad-drittijiet tal-bniedem, u speċifikament il-membri ta' *Breaking the Silence*, huma responsabbli għall-vjolenza fir-reġjun. Dawn id-dikjarazzjonijiet effettivament taw lill-persuni li jgħixu fl-insedjamenti l-leġittimità biex iweġġgħu u jheddu lill-attivisti. Illum il-ġurnata, terz ta' dawn il-mawriet li *Breaking the Silence* titlob li torganizza jinċaħdu, u matul dawk il-mawriet li jseħħu jkun hemm fastidju u abbuż fiżiku mill-persuni li jgħixu fl-insedjamenti kif ukoll jitressqu lill-pulizija diversi lmenti foloz kontra *Breaking the Silence.* Attwalment hemm ordni militari fis-seħħ li ma tippermettix lill-membri ta' *Breaking the Silence* jidħlu fil-Qabar tal-Patrijarki f'Ħebron.

***Malafama pubblika u tentattivi biex jinqatgħu l-fondi:*** Minn meta twaqqfet *Breaking the Silence*, seħħew diversi tentattivi biex tiddgħajjef il-kredibilità tagħha u biex jitħammeġ isimha. It-tkażbir pubbliku laħaq l-ogħla livell tiegħu wara t-testimonjanzi tas-suldati li ġew ippubblikati rigward l-Operazzjoni Ċomb Maħdum f'Gaża. Il-Prim Ministru Iżraeljan Benjamin Netanyahu kkundanna pubblikament lil *Breaking the Silence*[2], u l-Ministeru Iżraeljan tal-Affarijiet Barranin għamel pressjoni fuq il-gvernijiet barranin biex ma jibqgħux jagħtu fondi lill-organizzazzjoni[3]. Fl-istess ħin, *Breaking the Silence* kienet fil-mira ta' tixwix minn diversi figuri pubbliċi, inklużi żewġ preżentaturi ta' *talk shows* prominenti fuq ir-radju pubbliku tal-armata Iżraeljana li ħeġġew lis-semmiegħa tagħhom biex "jiksru l-għadam" ta' *Breaking the Silence*[4].

---

1 http://www.frontlinedefenders.org/node/1570
2 http://www.haaretz.com/print-edition/news/pm-slams-breaking-the-silence-1.282675
3 http://www.dutchnews.nl/news/archives/2009/07/israel_wants_clarity_on_human.php
4 http://www.nif.org/issue-areas/stories/nif-protests-public-army.html

**Innominata minn Lothar Bisky f'isem il-Grupp Konfederali tax-Xellug Magħqud Ewropew – ix-Xellug Aħdar Nordiku**

# *Breaking the Silence*

*Breaking The Silence* (BTS) hija Organizzazzjoni Mhux Governattiva (NGO) Iżraeljana mwaqqfa minn suldati u veterani tal-Forzi tad-Difiża Iżraeljani (IDF) li jiġbru u jagħtu testimonjanzi dwar is-servizz militari tagħhom fix-Xatt tal-Punent, fil-Medda ta' Gaża u fil-Lvant ta' Ġerusalemm matul it-Tieni Intifada u li taw l-opportunità lill-persunal u lir-riservisti Iżraeljani fis-servizz u barra mis-servizz biex jiddeskrivu b'mod kunfidenzjali l-esperjenza tagħhom fit-territorji okkupati mill-Iżrael.

Il-missjoni ddikjarata tal-organizzazzjoni hija li s-suldati tal-IDF li rritornaw għall-ħajja pajżana fl-Iżrael ma jibqgħux siekta u li "tinkixef id-distanza bejn ir-realtà li ltaqgħu magħha fit-territorji okkupati u s-silenzju li jsibu lura f'darhom".

Imwaqqfa fl-2004, *Breaking the Silence* qed tiġbor testimonjanzi mis-suldati u tippubblikahom biex tipprova "ġġiegħel lis-soċjetà Iżraeljana tindirizza r-realtà li ħolqot" u taffronta l-verità "dwar l-abbuż lejn il-Palestinjani, is-sakkeġġjar u l-qerda tal-proprjetà", affarijiet li s-suldati huma familjari magħhom.

L-organizzazzjoni tippubblika rapporti bil-miktub u rrekordjati fuq vidjow fuq il-websajt tagħha. Fil-15 ta' Lulju 2009, *Breaking the Silence* ppubblikat ktejjeb ġdid bl-isem "Soldiers' Testimonies from Operation Cast Lead, Gaza 2009," (Testimonjanzi tas-Suldati mill-Operazzjoni Ċomb Maħdum, Gaża 2009) u reċentement ippubblikat ukoll ktejjeb ta' testimonjanzi ta' nisa suldati. Membri tal-grupp wettqu mawriet ta' rakkont fl-Iżrael, fl-Ewropa tal-Punent u fl-Istati Uniti. BTS qed torganizza mawriet għal Ħebron għall-pubbliku Iżraeljan.

Il-gvern Iżraeljan ipprotesta kontra l-fondi ta' *Breaking the Silence* li ġejjin mill-gvernijiet internazzjonali. Għamilha ċara li joġġezzjona għall-fondi mill-Gran Brittanja, mill-Pajjiżi l-Baxxi u minn Spanja lill-NGOs "b'aġenda antigovernattiva ċara".

L-Ambaxxatur Iżraeljan fil-Pajjiżi l-Baxxi qal li l-Iżrael huwa demokrazija u li dawn il-fondi għandhom imorru f'postijiet bla demokrazija. Huwa qal li *Breaking the Silence* kienet "organizzazzjoni legali u leġittima", iżda l-finanzjament tagħha mill-gvern Olandiż ma kienx raġonevoli "fid-dawl tas-sensittivitajiet politiċi".

**Innominat minn Joseph Daul, José Ignacio Salafranca Sánchez-Neyra, Jaime Mayor Oreja, Jacek Saryusz-Wolski, Jarosław Leszek Wałęsa u Francisco José Millán Mon f'isem il-Grupp tal-Partit Popolari Ewropew (Demokristjani)**

## "Guillermo Fariñas f'isem dawk li jiġġieldu f'Kuba għal-libertà u għad-Drittijiet tal-Bniedem"

Guillermo Fariñas, li għandu 48 sena, qabel kien suldat u issa sar "dissident" Kuban. Huwa ngħaqad mal-oppożizzjoni fl-1989, wara li ma baqax jagħmel parti miż-Żgħażagħ Komunisti. Psikologu u ġurnalista, huwa ħoloq l-aġenzija tal-istampa indipendenti tiegħu "Cubanacan Press", essenzjalment biex jinforma l-bqija tad-dinja dwar id-destin tal-priġunieri politiċi f'Kuba. Dan kollu però kien għalxejn billi l-aġenzija llum il-ġurnata hija magħluqa u m'għadhiex tippubblika. Billi l-manifestazzjonijiet huma pprojbiti, huwa għamel strajk tal-ġuħ fl-2006 biex jipprotesta kontra ċ-ċensura fuq l-internet u biex jitlob li kulħadd ikollu aċċess għal internet ħieles. F'dan ir-rigward, ingħata l-Premju tal-Libertà fuq l-Internet 2006 mir-Riporters Mingħajr Fruntieri.

Billi jappoġġja n-nonvjolenza u azzarda jiddenunzja r-reġim ta' Castro, Guillermo Fariñas huwa figura tal-ġlieda kontra l-priġunerija ta' opponenti politiċi. Hu stess għamel 11-il sena u nofs il-ħabs, iżda r-reġim Kuban, li kulma jmur dejjem jiħrax, la ra d-determinazzjoni tiegħu u lanqas il-lat uman tiegħu. Bħal oħrajn qablu, huwa għażel li jsum bħala protesta biex jinterpella l-opinjoni pubblika dwar l-istat tal-libertajiet f'pajjiżu u b'hekk jaspira tama għal għexieren ta' ġurnalisti jew attivisti arrestati.

Fl-24 ta' Frar 2010, Guillermo Fariñas beda jsum għat-23 darba, l-għada tal-mewta kontroversjali – u li dak iż-żmien ġiet ikkundannata mill-Parlament Ewropew – ta' priġunier tal-kuxjenza, Orlando Zapato Tamayo, wara strajk tal-ġuħ ta' kważi tliet xhur. Għaldaqstant, huwa talab li jinħelsu 26 priġunier politiku u ddenunzja ċ-ċaħda, mir-reġim Kuban, tal-ksur tad-drittijiet tal-bniedem. Is-sawma tiegħu ntemmet 135 jum wara, jiġifieri fit-8 ta' Lulju 2010 – u fi żmien meta l-qagħda ta' saħħtu kienet kulma jmur inkwetanti – wara li l-Knisja Kattolika ta' Kuba ħabbret li nħelsu 52 priġunier f'dawk l-erba' xhur.

B'hekk, il-ġlieda ta' Guillermo Fariñas kienet u għadha eżempju għad-difensuri kollha tal-libertà u tad-demokrazija.

**Innominat mill-Grupp tal-Konservattivi u r-Riformisti Ewropej**

**u**

**Nnominat minn Edvard Kožušník u 91 persuna oħra**




## Guilllermo FARIÑAS

Guillermo Fariñas huwa psikologu Kuban, ġurnalista indipendenti u dissident f'Kuba. Mas-snin, huwa għamel 23 strajk tal-ġuħ biex jipprotesta kontra diversi elementi tar-reġim Kuban. Huwa ddikjara li lest imut fil-ġlieda kontra ċ-ċensura f'Kuba.
Reċentement temm strajk tal-ġuħ ta' 4 xhur bħala protesta biex jitlob li jinħelsu 52 attivista tal-oppożizzjoni li ttieħdu l-ħabs, f'kundizzjonijiet ħżiena ta' saħħa. It-tobba qalu li Fariñas kien qrib il-mewt.

**Għaliex il-PE għandu jappoġġjah:**

- Fariñas huwa simbolu ġenwin tal-ġlieda għal-libertà tal-espressjoni u d-demokrazija.
- huwa lest li jmut għal dawn il-prinċipji morali.
- hija opportunità għall-UE li tibgħat sinjal ċar lir-reġim Kuban li l-Pożizzjoni Komuni tal-UE* mhijiex se tiġi riveduta jekk ma jsirux passi reali lejn il-liberalizzazzjoni tar-reġim totalitarju (għall-kuntrarju tal-linja politika attwali tal-gvern Soċjalist fi Spanja).

* Il-politika tal-UE tal-1996 titlob li jsir progress fir-rigward tad-drittijiet tal-bniedem u tad-demokrazija qabel ma r-relazzjonijiet ma' Kuba jkunu jistgħu jsiru normali.

**Innominata minn Norbert Neuser, Willy Meyer, Raül Romeva i Rueda u 40 persuna oħra**



## AMINETU HAIDAR

Aminetu Haidar (El Aaiún, 1967) hija persuna prominenti li tiddefendi d-drittijiet tal-bniedem u hija attivista Saħrawi għall-indipendenza tas-Saħara tal-Punent. Hija l-president ta' CODESA (Assoċjazzjoni Saħrawi tad-Difensuri tad-Drittijiet tal-Bniedem). Haidar hija wkoll eżempju tal-ġlieda mhux vjolenti u tar-reżistenza paċifika, u minħabba dan hija magħrufa wkoll bħala l-"Gandhi Saħrawi".

F'diversi okkażjonijiet, Aminetu kienet vittma ta' persekuzzjoni u repressjoni minħabba l-impenn tagħha fid-difiża tad-drittijiet tal-bniedem tal-popolazzjoni Saħrawi. Fl-1987 ipparteċipat f'manifestazzjoni paċifika li kienet titlob li l-Marokk jagħmel referendum għall-awtodeterminazzjoni tas-Saħara tal-Punent, kif jistabbilixxu diversi riżoluzzjonijiet tan-Nazzjonijiet Uniti. Għaldaqstant, hija ttieħdet il-ħabs mingħajr ma ttellgħet il-qorti u sparixxiet għal erba' snin f'ħabsijiet sigrieti fil-Marokk, fejn ġiet ittorturata flimkien ma' għexieren ta' priġunieri politiċi Saħrawi.

Fl-2005 ġiet ikkundannata mill-Marokk għal 7 xhur ħabs, din id-darba fil-"Ħabs l-Iswed" ta' El Aaiún, belt tas-Saħara tal-Punent okkupata mill-Marokk. Il-Parlament Ewropew, f'April tal-istess sena, adotta riżoluzzjoni li biha talab li l-Marokk jeħles minnufih lilha u lis-36 priġunier l-oħra tal-kuxjenza Saħrawi. Hija nħelset meta skontat il-piena tagħha.

F'Novembru 2009, meta rritornat minn vjaġġ mill-Istati Uniti biex tiġbor il-Premju tal-Kuraġġ Ċivili, hija tkeċċiet illegalment mill-Ajruport ta' El Aaiún (fis-Saħara tal-Punent) mill-awtoritajiet Marokkini, li kkonfiskawlha l-passaport u ttrasferewha fi Spanja bil-forza. Aminetu bdiet strajk tal-ġuħ fl-Ajruport ta' Lanzarote (fil-Gżejjer Kanarji) li dam 32 jum u warajhom irnexxielha tmur lura d-dar tagħha fit-Territorji Okkupati.

L-attivista Saħrawi ngħatat, fost l-oħrajn, il-Premju tad-Drittijiet tal-Bniedem Juan María Brandés u l-Premju għal-Libertà (2006), il-Premju tal-Warda tal-Fidda (2007), il-Premju tad-Drittijiet tal-Bniedem u l-Ġustizzja Robert F. Kennedy (2008), il-Premju tal-Kuraġġ Ċivili tad-Drittijiet tal-Bniedem tal-Fondazzjoni Train (2009) u l-Premju Internazzjonali Jovellanos tar-Reżistenza u l-Libertà (2010). L-Amnesty International ipproponietha bħala kandidata

għall-Premju Ginetta Sagan, u ġiet innominata wkoll għall-Premju Nobel għall-Paċi.

**Innominat minn Olle Schmidt, Cecilia Wikström, Marit Paulsen u Lena Ek u 37 persuna oħra**

# Is-Sur Dawit ISAAK



Dawit Isaak huwa ġurnalista, kittieb u drammaturgu. Twieled fis-27 ta' Ottubru 1964. Disgħa u għoxrin sena wara, pajjiżu kellu jiġi ddikjarat bħala l-istat tal-Eritrea wara gwerra twila u mdemma għal-liberazzjoni. Huwa mar l-Isvezja bħala refuġjat minħabba l-gwerra fl-1987. Sar ċittadin Svediż fl-1992.

Meta l-Eritrea kisbet l-indipendenza, Dawit Isaak mar lura f'pajjiż twelidu. Iżżewweġ u kellu t-tfal. Eventwalment huwa sar sid konġunt tal-ewwel gazzetta indipendenti tal-pajjiż, Setit, fejn ħadem bħala riporter. Iżda l-indipendenza tal-pajjiż irriżultat li kienet fraġli: fl-1998, il-konflitt mal-Etjopja reġa' tfaċċa għal għarrieda, u dan wassal għal gwerra transkonfinali devastanti. Dawit Isaak mar lura l-Isvezja biex iħejji post sikur għall-familja tiegħu. Martu u t-tlitt itfal tiegħu marru hemm f'April 2000. Huma marru joqogħdu Gothenburg.

Sena wara, Dawit Isaak reġa' vvjaġġa lejn l-Eritrea. F'dik ir-rebbiegħa, f'Asmara kien hemm ħafna attività politika għaddejja. Il-gwerra transkonfinali kienet ikkawżat dibattitu politiku qawwi. Grupp ta' ħmistax-il membru tal-kabinett talab, fost affarijiet oħrajn, riformi demokratiċi u evalwazzjoni ddettaljata u oġġettiva tal-ġrajjiet li kienu waslu għall-gwerra. F'Mejju, wara li t-talbiet tal-ħmistax-il dissident u dissidenta waqgħu fuq widnejn torox, huma xandru l-kritika tagħhom fuq l-internet f'forma ta' ittra miftuħa. L-ittra ġiet ippubblikata mill-istampa ħielsa, flimkien ma' analiżijiet, kummenti, u intervisti ma' bosta mill-ħmistax-il politikant u politikanta. Fi żmien ftit jiem, ġew arrestati ħdax mill-ħmistax-il politikant u politikanta kif ukoll għaxra mill-ġurnalisti ewlenin tal-istampa ħielsa, fosthom. Dawit Isaak, li ġie arrestat kmieni filgħodu l-Ħadd, 23 ta' Settembru 2001.

S'issa ħadd minnhom ma ġie akkużat formalment jew inkella ġie pproċessat b'mod ġust.

Kemm il-ġurnalisti u kemm il-politiċi ġew ittimbrati bħala tradituri; il-ġurnalisti ġew ukoll akkużati li aċċettaw għajnuna finanzjarja minn barra – reat kriminali skont il-liġijiet tal-Eritrea dwar l-istampa.

Minn mindu Dawit Isaak ġie arrestat, ftit li xejn waslu sinjali ta' ħajja mingħandu. F'Novembru 2001, il-konslu onorarju tal-Isvezja f'Asmara, Lis Truelsen, lemħitu wara l-iżbarri u kellha ċans titkellem ftit miegħu. F'April 2002 ħaduh l-isptar – skont l-organizzazzjoni Amerikana tal-istampa bl-isem ta' Kumitat għall-Protezzjoni tal-Ġurnalisti (CJP), dan seħħ għat-trattament ta' ġrieħi kkawżati mit-tortura. U fis-sajf tal-2005, l-ambaxxatur tal-Eritrea fi Stokkolma, Araya Desta, qal lir-radju nazzjonali Svediż li Dawit Isaak kien jinsab tajjeb. Minkejja dan, s'issa, la l-familja tiegħu, la l-awtoritajiet Svediżi u lanqas l-organizzazzjonijiet internazzjonali tad-drittijiet tal-bniedem ma ngħataw il-permess iżuruh. L-awtoritajiet Eritrej isostnu li Dawit Isaak huwa ċittadin Eritrew biss – mhux ċittadin Svediż – u li għalhekk, il-każ tiegħu huwa wieħed intern.

Fir-rebbiegħa tal-2010, eks gwardjan tal-ħabs fl-istabbiliment magħruf ta' Eiraeiro, fejn kienu qed jinżammu Dawit Isaak kif ukoll ġurnalisti oħra u nies mill-oppożizzjoni, ħarab mill-Eritrea għall-Etjopja. Skont ix-xhieda tiegħu, il-ħabs jinsab fid-deżert (madwar 100 kilometru 'l bogħod mill-belt kapitali Asmara) u ftit li xejn jirrikorri għal provvisti esterni sabiex il-priġunieri jkunu iżolati saħansitra iktar mill-bqija tas-soċjetà. Iċ-ċelel huma kbar tliet metri b'erba' metri u jikkonsistu f'tojlit, xawer u tliet gvieret. Il-priġunieri jingħataw ikel darba biss kuljum, u mhux iktar minn sitt fetet ħobż u soppa (li xejn ma ttuq). Mhux permess li l-gwardjani tal-ħabs jikkomunikaw mal-persuni li qed jinżammu fih. Biex ikun żgurat li ma jinbnew l-ebda relazzjonijiet bejn il-gwardjani u l-priġunieri, dawn tal-ewwel dejjem jaħdmu fi gruppi ta' tlieta jew erba' gwardjani flimkien. Il-ħabsin qegħdin bil-manetti l-ħin kollu, u t-tortura psikoloġika hija komuni. Barra minn dan, ma jintużawx l-ismijiet tal-priġunieri, u qed isir riferiment għalihom biss bin-numri assenjati lilhom.

Fis-sajf tal-2010, rappreżentant tal-gvern Eritrew qal lil gazzetta Svediża li l-każ ta' Dawit Isaak qatt mhu se jiġi ttrattat quddiem qorti peress li jitqies ta' riskju għas-sigurtà nazzjonali tal-Eritrea.

F'Jannar 2009, bir-riżoluzzjoni B6/033 2009 dwar il-Qarn tal-Afrika, il-Parlament Ewropew talab li Dawit Isaak u ġurnalisti oħra impriġunati jinħelsu immedjatament. Fl-20 ta' Frar 2009, Hans-Gert Pöttering, li dakinhar kien il-President tal-Parlament Ewropew, bagħat ittra lill-President tal-Eritrea li fiha esprima tħassib qawwi dwar id-deterjorament fl-istat tas-saħħa ta' Dawit Isaak u reġa' talab il-ħelsien immedjat tiegħu u ta' ġurnalisti oħra. Hu stieden ukoll lill-awtoritajiet Eritrej biex jagħtu permess lil uffiċjal tal-Kummissjoni Ewropea jżur lil Dawit Isaak fil-ħabs flimkien ma' tabib. Fl-2009, Dawit Isaak kien wieħed mit-tliet kandidati finali għall-Premju Sakharov tal-Parlament Ewropew. F'Ġunju 2010 l-President tal-Parlament Ewropew, Jerzy Buzek, bagħat ittra uffiċjali lill-President tal-Eritrea biex għal darba oħra jesprimi t-tħassib qawwi tal-Parlament Ewropew dwar Dawit Isaak.

**Innominata minn Martin Schulz f'isem il-Grupp tal-Alleanza Progressiva tas-Soċjalisti u d-Demokratiċi fil-Parlament Ewropew**



# Birtukan Mideksa

**Birtukan Mideksa** hija politikanta u eks imħallef Etjopjana. Hija l-mexxejja tal-partit tal-oppożizzjoni "Unità għad-Demokrazija u l-Ġustizzja" (UDJ). Twieldet Addis Ababa, l-Etjopja. Wara li ggradwat mill-iskola sekondarja, daħlet fl-Università ta' Addis Ababa, minn fejn kisbet il-baċellerat fil-liġi. Ipprattikat il-liġi fit-tielet distrett tas-sistema ġudizzjarja federali.

Waqt li kienet qiegħda taħdem mas-sistema ġudizzjarja, Birtukan inħatret imħallef fil-qorti tat-tielet distrett tal-qorti federali tal-prim'istanza. Dakinhar, hija ppresediet kawża ta' profil għoli kontra l-eks ministru tad-difiża u uffiċjal għoli tat-TPLF, Siye Abraha, li ġie akkużat ta' korruzzjoni. Hija ħarġet lill-akkużat bi pleġġ u nħasdet meta ftit minuti wara l-awtoritajiet tal-gvern arrestaw lil Siye hu u ħiereġ mill-qorti flimkien mal-familja u l-ħbieb tiegħu. Ġie rrappurtat li wara dan, waslulha diversi twissijiet u theddidiet mingħand aġenti tas-sigurtà tal-gvern.

Iktar tard, Birtukan iddeċidiet li tissieħeb ma' partit politiku bil-għan li tintlaħaq bidla rapida fil-pajjiż, immirata għas-superjorità tal-istat tad-dritt u osservanza u implimentazzjoni sħiħa tal-kostituzzjoni, li prattikament ma kinitx qiegħda fis-seħħ, bħalma wriet b'mod ovvju l-esperjenza tagħha stess bħala mħallef. Issieħbet mal-partit "Rainbow Ethiopia: Moviment għad-Demokrazija u l-Ġustizzja Soċjali" u iktar tard mal- Koalizzjoni għall-Unità u d-Demokrazija (CUD), wara li ġiet iffurmata koalizzjoni ta' erba' partiti. Wara l-elezzjoni tal-2005, il-partit tagħha kiseb iktar minn terz tas-siġġijiet, filwaqt li kien tal-fehma li mingħajr ċerti irregolaritajiet fl-elezzjoni u fl-għadd tal-voti kien ikun kiseb iktar, u l-partit fil-gvern beda jarresta lill-mexxejja tal-partiti tal-oppożizzjoni (fosthom lil Birtukan). Birtukan instabet ħatja ta' attentat li twaqqa' l-ordni kostituzzjonali u ġiet ikkundannata għal għomorha l-ħabs. Ngħatat maħfra fl-2007 wara negozjati fit-tul u wara li hija kif ukoll mexxejja ta' partiti oħra tal-oppożizzjoni qattgħu 18-il xahar il-ħabs. Iktar tard hija waqqfet lill-UDJ (Unità għad-Demokrazija u l-Ġustizzja) bl-istess prinċipji li kienet issegwi s-CUD. Il-ħtieġa li l-partit ikollu isem ġdid irriżultat mill-fatt li l-kummissjoni elettorali tal-partit fil-gvern tat l-isem ta' qabel u l-liċenza lil grupp żgħir li kien inqata' mis-CUD (magħrufa wkoll bl-isem "Kinijit").

Birtukan ġiet eletta president tal-UDJ, li timmira għal bidla fl-Etjopja b'mezzi paċifiċi.

Fit-28 ta' Diċembru 2008, Birtukan reġgħet ġiet arrestata u impriġunata biex tiskonta sentenza ta' għomor il-ħabs, wara revoka tal-maħfra li kienet ingħatat fl-2007. Birtukan Mideksa kienet fost iktar minn mitt persuna impriġunata minħabba offiżi wara l-elezzjonijiet kontroversjali tal-2005. Disputa dwar il-kundizzjonijiet wasslet għall-arrest tagħha mill-ġdid. Il-gvern Etjopjan sostna li hija ngħatat il-maħfra bil-kundizzjoni ta' "apoloġija għar-reati tagħha". Qal li ordna l-arrest tagħha mill-ġdid minħabba rapporti li skonthom hija ċaħdet pubblikament li kienet għamlet apoloġija għall-azzjonijiet tagħha jew talbet maħfra u li issa kienet se tiskonta sentenza ta' għomor il-ħabs. Birtukan ammettiet apertament li kienet qiegħda tkompli l-"ġlieda paċifika" tagħha "favur iktar demokrazija, rispett għad-drittijiet tal-bniedem u l-istat tad-dritt" fl-Etjopja. Daħlet fi problemi meta barra minn pajjiżha kellmet lil ġurnalisti dwar il-mod ta' kif inħelsu l-mexxejja tal-oppożizzjoni. Semmiet negozjati li kienu seħħew bejn l-oppożizzjoni u l-gvern, bl-għajnuna ta' "bord ta' anzjani influwenti", qabel l-għoti definittiv tal-maħfra. Il-gvern saħaq fuq dokument iffirmat mill-priġunieri li kienu se jinħelsu, li "kien jiddispjaċihom" għal kull "żball" li kienu "kkommettew", bl-implikazzjoni li l-ħelsien tagħhom kien jifforma parti iktar minn proċess ġudizzjarju normali milli minn ftehima politika kkonkluża permezz ta' negozjati.

Merera Gudina, il-mexxej tal-koalizzjoni tal-oppożizzjoni "Forum għad-Djalogu Demokratiku " (FDD – Medrek), matul żjara fl-Istati Uniti f'Novembru tal-2009 qal quddiem il-pubbliku li "Birtukan Medeksa se ssir il-Mandela tal-Etjopja". Ħafna minn dawk li jappoġġjawha jirreferu għaliha bħala l-Aung San Suu Kyi tal-Etjopja, bl-isem tal-priġuniera tal-kuxjenza fil-Mjanar.

F'Diċembru 2009, l-Amnesty International ikklassifikat l-arrest ta' Birtukan Mideksa bħala wieħed *"inġust u mmotivat politikament"*. Nediet kampanja internazzjonali mmirata għall-ħelsien tagħha u qajmet dubju dwar l-istqarrija tal-gvern Etjopjan li l-priġunerija tagħha kienet kwistjoni legali[1]. Mistoqsi dwar il-ħelsien tagħha f'konferenza tal-aħbarijiet f'Diċembru tal-2009, il-Prim Ministru Etjopjan, Meles Zenawi, li mhux ta' spiss jirreferi għaliha b'isimha, wieġeb, "Qatt mhu se naslu għal ftehim ma' ħadd dwar il-ħelsien ta' Birtukan. Qatt. Daqshekk. Din il-kwistjoni ngħalqet darba għal dejjem"[2].

[1] http://www.ethiopianreview.com/content/11916
[2] http://en.wikipedia.org/wiki/Birtukan_mideksa

**Innominat mill-Grupp tal-Konservattivi u r-Riformisti Ewropej**

# Dun Thadeus Nguyen Van Ly

Dun Thadeus Nguyên Van Ly huwa qassis Vjetnamit u attivista ewlieni tad-drittijiet tal-bniedem li juża biss il-ġlieda mhux vjolenti bħala mezz biex jilħaq l-għan tiegħu tal-promozzjoni universali tad-drittijiet tal-bniedem. Il-prinċipji ewlenin tiegħu huma:

- libertà ta' moviment u ta' residenza, ta' assemblea, ta' informazzjoni, ta' ħsieb u ta' reliġjon;
- ugwaljanza u ġustizzja għall-poplu tal-Vjetnam;
- l-istabbiliment ta' demokrazija vera fil-Vjetnam.



Dun Thadeus Nguyên Van Ly ġie arrestat għall-ewwel darba f'Settembru tal-1977 għax kien qassam żewġ esejs tal-Arċisqof Nguyen Kim Dien li fihom kien jikkritika l-oppressjoni tal-minoranzi reliġjużi mill-gvern. Minn dakinhar, b'kollox, il-qassis qatta' iktar minn 20 sena jew il-ħabs jew arrestat f'daru għall-appoġġ tiegħu favur id-dinjità umana u d-demokrazija. Wara l-ħelsien temporanju tiegħu f'Marzu tal-2010, Dun Thadeus tqiegħed mill-ewwel taħt sorveljanza mill-qrib mill-awtoritajiet, u peress li kien "ta' theddid għas-sigurtà nazzjonali", ġie mhedded b'arrest "minn mument għall-ieħor" minħabba l-fatt li huwa kien stieden lill-komunità internazzjonali turi ruħha attenta għas-sitwazzjoni tad-drittijiet tal-bniedem fil-Vjetnam.

Dun Thadeus Nguyên Van Ly jiddeskrivi xogħlu favur id-drittijiet u d-dinjità tal-bniedem kif ġej: "Soċjetà ċċivilizzata qatt ma għandha tħalli l-ebda gvern, ikunu liema jkunu l-ideoloġija jew il-prinċipju politiku tiegħu, jidderoga mid-drittijiet universali tal-bniedem u jiżola lill-poplu tiegħu stess wara purtiera tal-ħadid għal skopijiet ta' 'noninterferenza' fl-affarijiet domestiċi".

**Innominata mill-Grupp tal-Konservattivi u r-Riformisti Ewropej**

# OPEN DOORS

OPEN DOORS hija missjoni Nisranija mhux denominazzjonali li tappoġġja lill-Insara ppersegwitati, li huma l-minoranza reliġjuża li l-iktar tbati mill-persekuzzjoni. Fil-livell globali, erbgħa minn kull ħames persuni ppersegwitati minħabba t-twemmin reliġjuż tagħhom huma Nsara. F'ħafna pajjiżi madwar id-dinja hemm każijiet li jseħħu f'diversi livelli ta' persekuzzjoni u li jvarjaw minn atti individwali sal-oppressjoni strutturali mill-awtoritajiet.

OPEN DOORS twaqqfet fl-1955 minn Anne van der Bijl, ċittadina Olandiża, wara li hija żaret lil Insara ppersegwitati fil-Polonja Komunista. Fil-bidu tagħha, OPEN DOORS kienet immirata għall-Insara fil-pajjiżi Komunisti tal-Ewropa Ċentrali u tal-Lvant u fiċ-Ċina. Fis-snin 1970 firxet l-ambitu ta' azzjoni tagħha għal-Lvant Nofsani, partijiet tal-Afrika u x-Xlokk tal-Asja. Attwalment l-organizzazzjoni hija attiva f'iktar minn 45 pajjiż b'firxa kbira ta' attivitajiet. Dawn jinkludu:

- ħidma favur il-promozzjoni tal-libertà ta' reliġjon jew ta' twemmin kemm fil-pajjiżi tal-Punent u kemm f'pajjiżi b'reġimi oppressivi;
- it-twassil ta' għajnuna legali u appoġġ lill-priġunieri u l-familji tagħhom;
- l-isponsorjar ta' ċentri tat-tisħiħ għar-refuġjati Nsara, ir-romol u l-orfni, servizzi ta' rikonċiljazzjoni u korsijiet dwar il-Bibbja;
- il-forniment ta' bibbji u letteratura Nisranija oħra.

OPEN DOORS ta' kull sena tippubblika l-*World Watch List* tagħha, li tikklassifika l-pajjiżi skont l-intensità tal-persekuzzjoni li qed jiffaċċjaw l-Insara madwar id-dinja billi jsegwu t-twemmin tagħhom.

M'ilux OPEN DOORS nediet azzjoni sostanzjali ta' għajnuna lill-vittmi tal-għargħar fil-Pakistan li jiffurmaw parti minn minoranzi reliġjużi u b'hekk iffaċċjaw diskriminazzjoni fir-rigward tal-isforzi ta' għajnuna uffiċjali mill-Pakistan.

Għal iktar informazzjoni:
http://sb.od.org/ (il-portal internazzjonali ta' OPEN DOORS fuq l-internet)
http://www.opendoorsuk.org/ (OPEN DOORS UK)
http://www.opendoors.nl (OPEN DOORS NL)